REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1213/2014

tal-11 ta' Novembru 2014

dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1)(a) tiegħu,

Billi:

(1) Biex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, huwa meħtieġ li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kwalunkwe nomenklatura oħra li hija bbażata, parzjalment jew kollha kemm hi fuqha, jew li żżid kwalunkwe subdiviżjoni magħha u li hija stabbilita b'dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Unjoni, bl-għan tal-applikazzjoni ta' tariffi u miżuri oħra relatati mal-kummerċ tal-prodotti.

(3) Skont dawk ir-regoli ġenerali, il-prodotti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella mniżżla fl-Anness għandhom jiġu kklassifikati taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2), minħabba r-raġunijiet stabbiliti fil-kolonna (3) ta'din it-tabella.

(4) Huwa xieraq li jiġi pprovdut li l-informazzjoni tariffarja vinkolanti maħruġa fir-rigward tal-prodotti kkonċernati minn dan ir-Regolament li ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament tista', għal ċertu perjodu, tibqa' tiġi invokata mid-detentur skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 [2]. Dak il-perjodu għandu jkun ta' tliet xhur.

(5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-prodotti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella stabbilita fl-Anness jiġu kklassifikati fin-Nomenklatura Magħquda skont il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2) ta' dik it-tabella.

Artikolu 2

L-informazzjoni tariffarja vinkolanti li ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament tista' tibqa' tiġi invokata skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 għal perjodu ta' tliet xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

---

[1] ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1.

[2] Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jistabbilixxi Kodiċi Doganali tal-Komunità (ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1).

Artikolu 3

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Novembru 2014.

Għall-Kummissjoni,

F'isem il-President,

Heinz ZOUREK

Direttur Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Għaqda Doganali

ANNESS

Deskrizzjoni tal-prodotti	Klassifikazzjoni (Kodiċi NM)	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
Prodott vojt minn ġewwa, ċilindriku, bil-kamin magħmul minn liga tat-titanju iebsa ħafna, b'tul bejn 20 sa 56 mm. Il-prodott għandu sieq li hija vojta minn ġewwa b'dijametru ta' barra ta' 4 mm u ras b'forma esagonali. Is-sieq hija kolha bil-kamin li jikber b'inkrementi ta' 2 mm. Il-prodott jikkorrispondi mal-istandards ISO/TC 150 għal viti għall-impjanti u huwa ppreżentat għal użu fil-qasam tal-kirurġija tat-trawmi għall-iffissar tal-ksur. Għandu jiġi installat fil-ġisem bl-użu ta' għodod speċifiċi u permezz ta' wajer gwida, li jiddaħħal fis-sieq vojta minn ġewwa u li jippermetti t-tqegħid preċiż permezz ta' inċiżjoni żgħira fil-ġisem. Waqt l-importazzjoni, huwa ppreżentat f'ippakkjar sterilizzat. Il-prodott jiġi mmarkat b'numru u huwa għalhekk traċċabbli tul il-produzzjoni u d-distribuzzjoni.	9021 10 90	Il-klassifikazzjoni hija ddeterminata mir-regoli ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda u bil-kliem tal-kodiċijiet NM 9021, 9021 10 u 9021 10 90. Minħabba l-karatteristiċi oġġettivi tiegħu, jiġifieri l-preżenza tas-sieq vojta minn ġewwa, il-prodott ma jikkorrispondix b'mod sħiħ ma' vit ta' metall ta' valur baxx. Bħala konsegwenza, ma jistax jiġi kkunsidrat bħala parti ta' użu ġenerali (vit) kif riferut fin-nota 2 għat-Taqsima XV. Għaldaqstant il-klassifikazzjoni fl-intestatura 8108 hija esklużа. Għalhekk il-prodott għandu jiġi kklassifikat taħt il-kodiċi NM 9021 10 90, bħala qassaba u apparat ieħor għall-ksur.